MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' April, 2014

Numru. 34/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**George Anthony Axiak**

Numru: 34/2011

Illum 9 ta' April 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **George Anthony Axiak**, ta' hamsa u ghoxrin (25) sena, iben Carmel u Josephine neé Attard, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar il-25 ta'

Novembru, 1985, residenti fil-fond Ave Maria, Triq Wied is-Seqer, Rabat, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 1286(G), akkuzat talli nhar it-23 ta' Dicembru 2010, u fil-granet ta' qabel gewwa r-Rabat Ghawdex u gewwa diversi postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, f'hinijiet differenti:

1. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta kannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) liema droga ma kienitx ghal uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta fejn l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu biex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali (Dok. "C" – *a fol.* 11).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 8).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mid-difiza.

Semghet, fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2013, it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni (*a fol.* 76 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza (*a fol.* 78 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2011, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Frank Anthony Tabone** (*a fol.* 12 *et seq.*)

rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu ta' dak li kienu nfurmah xi ufficjali tal-Pulizija rigward xi informazzjoni li kellhom rigward l-imputat. Xehed rigward it-tfittxija li saret fil-vettura tal-imputat u fir-residenza tieghu.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2011, xehed ukoll **PC 1384 Felix Sammut** (*a fol.* 22 *et seq.*) fejn qal li flimkien ma' ufficjali tal-Pulizija ohra, PS 715 u PC 138, saret tfittxija fir-residenza tal-imputat u li minn *safe* li kien hemm gew elevati xi pakketti tas-sigaretti, *roll-up paper* tas-sigaretti t-twal, xi zewg *graters* tal-plastikk (li wahda minnhom jghid li kellha trabb kannella suspettat trab tal-kannabis), u kontenitur b'xi ross.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2012, xehed **PS 715 Lucian Gatt** (*a fol.* 26 *et seq.*) fejn xehed fuq l-istess linji ta' PC 1384. Zied jghid li minn tfittxija li saret fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBP 426, li tappartjeni lill-imputat, instabet *CD* fejn fuqha nstabu tracci ta' trab abjad suspettat kokajina. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "LG 1" (*a fol.* 28 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **PC 138 Joseph Portelli** (*a fol.* 31 *et seq.*) u xehed fuq l-istess linji tal-ufficjali tal-Pulizija l-ohra, fejn qal x'instab fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBP 426 u dak li nstab u li gie elevat mir-residenza tal-imputat.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2012, xehed **Saviour Farrugia** (rapprezentant Transport Malta – *a fol.* 34 *et seq.*) fejn qal li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBP 426 tappartjeni lill-

imputat. Ezebixxa dokument in sostenn ta' dan (Dok. "SF 1" – *a fol.* 36).

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2012, xehed l-i**Spizjar Mario Mifsud** (*a fol.* 39) rigward l-inkarigu moghti lilu. Filwaqt li kkonferma l-kontenut tar-rapport redatt minnu, ezebixxa wkoll tali rapport (Dok. "MM 1" – *a fol.* 41 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tat-30 ta' April 2013 (*a fol.* 57 *et seq.*), xehed li meta l-kannabis jghaddi z-zmien minn fuqha, hemm sustanza ohra li tibda tifforma hi u tonqos it-THC. Jghid li mir-rizultati tal-analizi li ghamel jidher li dawn is-sustanzi kienu qeghdin prezenti jigifieri ma eskludiex li seta' kien il-fatt li kien ghadda xi zmien minn fuqha.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' April 2013, xehed **Captian Matthew John Camilleri** (*a fol.* 61 *et seq.*) fejn qal li l-imputat kien jaqa' tahtu direttament minn Dicembru 2010 sa Dicembru 2012. Iddeskriva lill-imputat bhala bniedem ubbidjenti, li qatt ma kellu problemi bih u qatt ma kellu passi dixxiplinarji.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' April 2013, xehed ukoll **Dr. Matthew Psaila** (Tabib tal-Forzi Armati – *a fol.* 64 *et seq.*) rigward il-*file* mediku tal-imputat fejn qal li minn total ta' hames testijiet ta' droga li saru fuq l-imputat dawn irrizultaw negattivi. Ezebixxa dokument rigward dawn it-testijiet li gie mmarkat bhala Dok. "MP 1" (*a fol.* 69 *et seq.*).

In kontro-ezami jghid li meta jsiru testijiet dawn isiru sabiex jaraw jekk wiehed jabbuzax mid-droga u li fil-kaz tal-imputat dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2013, xehed **Logutenent Carmel Mercieca** (*a fol.* 73 *et seq.*) fejn qal li l-imputat gie ngaggat mal-Forzi Armati fl-4 ta' Jannar 2010. Jghid li bhala passi dixxiplinarji fil-konfront tal-imputat m'hemmx. Jghid ukoll li l-imputat ghandu kondotta nadifa.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'zewg imputazzjonijiet: wahda li tirrigwarda pussess ta' raza tal-kannabis u ohra li tirrigwarda pussess ta' kokajina.

Illi, fir-rigward tal-imputazzjoni li tikkoncerna pussess ta' kokajina, il-Qorti semghet li mit-tfittxija li saret fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBP 426, li tappartjeni lill-imputat, instabet *CD* fejn fuqha nstabu tracci ta' trab abjad suspettat kokajina. Fl-istqarrija rilaxxata minnu (Dok. "FT 3" – *a fol.* 17 *et seq.*), liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat ikkonsulta ma' avukat, meta l-imputat gie mistoqsi rigward dak li nstab f'*cover* ta' CD bi tracci ta' sustanza bajda suspettata kokajina fil-vettura, jghid li ma jafx minn fejn giet. Jghid li ta c-cwievet tal-vettura li xi hadd u ma jafx min hu. Minkejja li tali risposta mhijiex wahda kredibbli, riferenza ghandha ssir ghar-rapport (Dok. "MM 1" – *a fol.* 41 *et seq.*) redatt mill-Ispizjar Mario Mifsud fejn fir-rigward ta' dak li nstab fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBP 426, l-iSpizjar imsemmi qal hekk: *"Illi […] ma sarux fuqhom la ezamijiet u lanqas analizi ghax fl-opinjoni tal-*

*Esponent minn dawn id-dokumenti ma seta' jigi stabilit xejn li seta' jkun ta' relevanza ghal dan il-kaz"* (*a fol.* 44). Ghaldaqstant, m'hemmx dubju li t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma gietx pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

Illi, fir-rigward tal-imputazzjoni li tikkoncerna pussess ta' kannabis, il-Qorti jirrizultalha illi minn *safe* li kien hemm fir-residenza tal-imputat gew elevati xi pakketti tas-sigaretti, *roll-up paper* tas-sigaretti t-twal, xi zewg *graters* tal-plastikk u kontenitur b'xi ross. Fl-istqarrija rilaxxata minnu (Dok. "FT 3" – *a fol.* 17 *et seq.*), meta l-imputat gie mistoqsi rigward l-oggetti relatati mad-droga li nstabu fir-residenza tieghu, huwa jghid: *"Nghid li dawk huma affarijiet li kont nuza daqs hames snin ilu ghax dakinhar kont inpejjep il-haxixa"* (*a fol.* 18). Jirreferi ghal kannabis. Jghid li dam ipejjipha sentejn u nofs. Riferenza sejra ssir ghar-rapport (Dok. "MM 1" – *a fol.* 41 *et seq.*) redatt mill-Ispizjar Mario Mifsud fejn fir-rigward ta' dak li gie elevat mir-residenza tal-imputat, l-iSpizjar Mario Mifsud, fost l-ohrajn, qal hekk: *"Ghaldaqstant, mir-rizultati miksuba l-Esponent, Mario Mifsud Manager tal-Laboratorju Forensiku, jista' jikkonkludi li nstabu tracci tas-sustanza Tetrahydrocannabionol (THC) fuq iz-zewg crushers tal-cannabis li kien hemm fid-dokument […]. Is-sustanza THC hija s-sustanza psikotropika primarja tal-pjanta u r-raza tal-cannabis"* (*a fol.* 45).

Illi l-Qorti tinnota li l-imputat ressaq diversi xhieda li xehdu fuqu b'mod pozittiv. Minkejja dan u minkejja l-fatt li meta saru xi testijiet fuq l-imputat rigward abbuz ta' droga dawn irrizultaw fin-negattiv u minkejja li d-difiza tghid li l-imputat kien jabbuza hames snin qabel meta kien ipejjep il-haxixa, xorta jibqa' l-fatt li dak li nstab fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni instab fil-pussess tieghu. Dan jibqa' iregi wkoll minkejja li fil-

kontro-ezami tieghu l-iSpizjar Mario Mifsud ma jeskludiex li seta' kien il-fatt li kien ghadda xi zmien minn fuq dak li gie misjub ghand l-imputat. Ghaldaqstant, m'hemmx dubju li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet pruvata.

**Ikkunsidrat**

Illi hija biss l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat li giet sodisfacentment pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reat li tieghu huwa ser jinsab hati, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat u li gie pruvat, u l-fedina penali tieghu (Dok. "B" – *a fol.* 10) li hija wahda nadifa.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat George Anthony Axiak hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien tlitt (3) xhur millum ihallas is-somma ta' tlitt mija u sitta u disghin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€ 396.81) liema somma tirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' espert f'dan il-kaz (*a fol.* 45 *tergo*).

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita taħt il-ħarsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------